

V

(Avviżi)

PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ COMP/M.5469 – Renova Industries/Sulzer)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/C 112/05)

1. Fit-8 ta' mejju 2009, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriża Renova Industries Ltd. ("Renova Industries", il-Bahamas, li hija proprjetà tar-Renova Group, ir-Russja), takkwista skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill, il-kontroll sħiħ tal-impriża Sulzer AG ("Sulzer", l-Iżvizzera).
2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża kkonċernati huma:
 - għal Renova Industries: L-investimenti fis-setturi tal-metallurġija, taż-żejt, tal-ingerinerija tal-magni, tat-tħaffir, tal-kimika, tal-kostruzzjoni, tad-dajr, tal-komunikazzjonijiet, pubbliċi u finanzjarji. OC Oerlikon, li hi kkontrollata mir-Renova Industries, hi attiva fis-servizzi industrijali għat-trattament tal-wiċċ/ta' kisi u tagħmir,
 - għal Sulzer: Makkinarju, tagħmir, materjali, servizzi industrijali, servizzi industrijali għat-trattament tal-wiċċ/ta' kisi u tagħmir.
3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.
4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu kwalunkwe kumment li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (+32 2 2964301 jew 2967244) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5469 – Renova Industries/Sulzer, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussell
BELGIQUE/BELGIË

(1) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.